



2024/635

20.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/635

tat-2 ta' Frar 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward tal-mezzi ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni u ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 157 u 232 tiegħu,

Billi:

- (1) L-implimentazzjoni prattika tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, flimkien mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ⁽²⁾, uriet li hemm bżonn isiru xi emendi biex dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi adattat aħjar għall-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet doganali u biex titqies il-bidla minn dokumenti stampati għall-użu ta' skambji elettroniċi tad-*data*, fir-rigward tal-mezzi ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni u ċerti aspetti tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni.
- (2) Fir-rigward tal-mezzi ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, hemm bżonn li jiġu aġġornati t-termini li għandhom jiġu indikati għall-merkanzija tal-Unjoni li l-imballaġġ tagħha ma jkollux l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-ħruġ retrospettiv ta' dawn il-mezzi ta' prova jenħtieġ li jitħalla jsir biss f'każijiet debitament ġustifikati u huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-perjodu li matulu dawk il-mezzi ta' prova jkunu jistgħu jinħarġu retrospettivament.
- (3) Skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ⁽³⁾, il-faċilitazzjoni għall-ħruġ ta' dokument T2L jew T2LF tippermetti r-rinunzja tal-approvazzjoni ta' dak id-dokument T2L jew T2LF permezz tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni. Din il-faċilitazzjoni jenħtieġ li tapplika biss fl-Istat Membru fejn l-emittent ikun ingħata awtorizzazzjoni biex joħroġ id-dokument T2L jew T2LF skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446. Dawn il-provi għandhom jiġu rreġistrati fis-sistema tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni (PoUS) tal-KDU msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 ⁽⁴⁾.
- (4) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li d-dokument T2L jew T2LF jista' jintuża darba biss, jiġifieri meta tiġi ppreżentata l-merkanzija għall-ewwel darba biex l-istatus doganali tagħha jiġi ddeterminat bħala merkanzija tal-Unjoni, u li jkun hemm bżonn li jinħareġ mezz ġdid ta' prova għal kwalunkwe merkanzija li jifdal, f'każ li l-mezzi ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jintużaw parzjalment.
- (5) Sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet ekonomiċi prevalenti, jenħtieġ li bħad-detentur tal-proċedura, il-persuna li tippreżenta l-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq titħalla titlob lill-uffiċċju doganali tat-tluq dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu jew dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu/sigurtà.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).

- (6) Sabiex jiġi żgurat approċċ iffácilitat iżda armonizzat fl-Unjoni u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni, f'ċerti kundizzjonijiet jenħtieġ li t-trażbordi ta' kontejners u l-unitajiet tat-trasport intermodali simili jitneħħew mil-lista ta' inċidenti li jeħtieġu intervent doganali.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 199, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Meta l-mezz ta' prova msemmi fil-paragrafu 1 jintuża għal merkanzija bl-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni b'imballaġġ li ma jkollux l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, dak il-mezz ta' prova għandu jinkludi l-indikazzjoni li ġejja:

"Imballaġġ N — 98200"

5. Meta, f'każijiet debitament ġustifikati, il-mezzi ta' prova msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b), (c) u (d), jinħarġu retrospettivament, dawn għandhom jinkludu l-indikazzjoni li ġejja:

"Maħruġ retrospettivament — 99210"

Il-mezzi ta' prova msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jinħarġu biss retrospettivament qabel l-iskadenza tal-limiti ta' żmien għan-notifika tad-dejn doganali speċifikati fl-Artikolu 103 tal-Kodiċi.”;

- (2) fl-Artikolu 200, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-mezzi ta' prova msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali kompetenti li fih tiġi ppreżentata l-merkanzija biex wara li terġa' tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni, jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni billi jiġi indikat l-MRN tagħha.”;

- (3) jiddaħħal l-Artikolu 200a li ġej:

"Artikolu 200a

Ħruġ tal-mezzi ta' prova minn emittent awtorizzat (l-Artikolu 153(2) tal-Kodiċi)

1. Il-faċilitazzjoni għall-ħruġ ta' mezzi ta' prova minn emittent awtorizzat prevista fl-Artikolu 128 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 għandha tapplika biss għal mezzi ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni maħruġa fl-Istat Membru li awtorizza l-ħruġ ta' dawk il-mezzi ta' prova.

2. L-emittent awtorizzat tat-T2L jew tat-T2LF għandu jirreġistra l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni mhux aktar tard minn meta ssir il-kunsinna tal-merkanzija.

3. L-emittent awtorizzat ma jistax jibda jċaqlaq il-merkanzija tal-Unjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu speċifikat fl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(3b), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.”;

- (4) Fl-Artikolu 205, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-MRN ikun indikat bħala prova tal-istatus doganali bħala merkanzija tal-Unjoni, id-data T2L jew T2LF li sservi bħala l-bażi għall-MRN tista' tintuża biss meta l-merkanzija tiġi ppreżentata għall-ewwel darba biex l-istatus doganali tagħha jiġi ddeterminat bħala merkanzija tal-Unjoni.

Meta d-data T2L jew tat-T2LF jintużaw biss għal parti mill-merkanzija meta tiġi ppreżentata għall-ewwel darba biex l-istatus doganali tagħha jiġi ddeterminat bħala merkanzija tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit mezz ġdid ta' prova għall-parti li jifdal tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 200 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 128 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.”;

(5) Fl-Artikolu 303, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“4. Fuq talba tad-detentur tal-proċedura jew tal-persuna li ppreżentat il-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq, l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jipprovdi dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu jew, meta xieraq, dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu/sigurtà lid-detentur tal-proċedura jew lill-persuna li ppreżentat il-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Id-dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu għandu jiġi pprovdut permezz tal-formola stabbilita fl-Anness B-02 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u, jekk ikun meħtieġ, jiġi ssupplimentat bil-lista ta' oġġetti fil-formola stabbilita fl-Anness B-03 ta' dak ir-Regolament Delegat.”;

(6) Fl-Artikolu 305(1), jiżdiedu t-tieni u t-tielet subparagrafu li ġejjin:

“Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c) u (f), meta l-merkanzija tinġarr fl-istess u l-unika unità tat-trasport intermodali, il-mod tat-trasport jinbidel mingħajr l-immaniġġjar tal-merkanzija nnifisha u l-unità tat-trasport intermodali jkollha numru tal-ID uniku, dik il-bidla ma għandhiex titqies bħala inċident għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, l-unità ta' trasport intermodali hija, pereżempju, kontejner, kaxxa skambjabbli jew semitrejler. It-tieni subparagrafu japplika wkoll għal vettura mgħobbija li hija stess tiġi ttrasportata b'mezz ta' trasport attiv.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN